# Aħbar Tajba

1 Slat 19, 9a.11-13a
S 84 (85), 9ab-10.11-12.13-14
Rum 9, 1-5
Mt 14, 22-33



Iżda hu minnufih kellimhom u qalilhom:
**"Agħmlu l-qalb, jien hu, tibżgħu xejn!"**

Kemm tista' ssemmi logħob differenti li juża ballun? Mela, ħa naraw, hemm *football, basketball, baseball, volleyball, dodge ball, tennis, table soccer, rugby* u probabbilment hemm ħafna aktar. Imma taf x'inhi l-iktar ħaġa importanti meta qed tilgħab waħda minn dawn il-logħbiet? Żomm għajnejk fuq il-ballun! Mhux fuq il-plejer.  Jekk le, tispiċċa tqatta' l-logħba kollha tipprova tilħaq il-ballun mingħajr qatt ma tasal, jew agħar minn hekk, ssibu ġej għal wiċċek x'ħin ma tkunx qed tistennih.

Fl-Evanġelju tal-lum, Pietru, wieħed mid-dixxipli ta' Ġesù, se jitgħallem kemm hi importanti li għajnejna ma jitilqu qatt il-ballun, insomma, mhux il-ballun eżatt! Kienu għadhom ġejjin minn ġurnata twila u iebsa li fiha Ġesù għallem folol kbar ta' nies u għamel ħafna mirakli. Saħansitra kien tema' folla kbira ta' aktar minn 5000 persuna, meta kulma kellu kienu ħames ħobżiet u żewġ ħutiet. Tista' timmaġina Pietru u sħabu kif għejew jippruvaw iżommu l-ordni b'folol hekk kbar. Għalhekk Ġesù qalilhom biex jaqbdu d-dgħajsa u jmorru għax-xatt l-ieħor sakemm hu jitla' fuq l-għolja għall-kwiet biex jitlob. Id-dixxipli hekk għamlu imma hekk kif ħarġu ftit mhux ħażin 'il barra, qam ir-riħ u l-baħar beda jħabbat id-dgħajsa sew. U jekk dan kollu ma kienx biżżejjed biex ibeżża' lid-dixxipli, ħin minnhom jaraw figura tersaq lejhom miexja fuq l-ilma! Bdew jgħajtu bil-biża' imma Ġesù qalilhom: "Agħmlu l-qalb, jien hu, tibżgħu xejn!" Hawnhekk Pietru għajjat lura: "Mulej, jekk huwa int, ordnali niġi ħdejk fuq l-ilma." Ġesù sejjaħlu lejh u oħroġ il-għaġeb mal-ewwel pass tiegħu, sieqi baqgħet fil-wiċċ. L-istess il-passi li ġew wara! Pietru kien qed jimxi fuq l-ilma! Imma ħin minnhom Pietru ħares lejn il-maltemp li kien hemm madwaru u f'daqqa waħda beda nieżel fl-ilma. F'ħakka t'għajn reġa' mtela bil-biża' u għajjat lil Ġesù biex isalvah.

Imma ndunajt x'ħin beda jegħreq Pietru? Sakemm kien qed iħares lejn Ġesù ma kellu l-ebda problema, imma x'ħin dawwar ħarstu minn fuq Ġesù beda' jegħreq. Għalkemm ma naħsibx li xi ħadd minna se jipprova jimxi fuq l-ilma, imma f'ħajjitna ħafna drabi tiġina t-tentazzjoni li ndawru ħarsitna minn fuq Ġesù lejn affarijiet oħra. U hemmhekk il-ħażin isibna dgħajfa biżżejjed biex jirbħilna. Għalhekk, bħal fil-logħba tal-ballun, ejjew inżommu l-ħarsa tagħna fuq Ġesù biex naslu li nirbħu l-kampjonat ta' ħajjitna!

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
NIES, KIELU, XORBU, DIXXIPLI, DGĦAJSA, XATT, GĦOLJIET, JITLOB, MEWĠ, RIĦ, MIEXI, BAĦAR, TWERWRU, PIETRU, JIMXI, JEGĦREQ, SALVANI, FIDI

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | IE | T | T | R | U | B | I | S | Ġ |
| D | I | X | W | L | R | A | L | A | E |
| I | P | X | E | I | I | Ħ | M | L | S |
| P | IE | T | R | U | N | A | A | V | Ù |
| T | A | L | W | J | A | R | K | A | GĦ |
| U | K | S | R | I | S | A | L | N | A |
| N | IE | S | U | M | IE | X | I | I | J |
| GĦ | L | D | I | X | X | I | P | L | I |
| O | U | GĦ | W | I | X | A | T | T | T |
| L | T | A | R | U | O | M | F | F | L |
| J | W | J | E | GĦ | R | E | Q | I | O |
| IE | E | S | T | L | B | W | O | D | B |
| T | R | A | B | B | U | Ġ | R | I | Ħ |

Agħti l-kulur





**Minn kliem il-Papa Franġisku**

"Tinsewhx dan: il-Mulej ma jgħeja qatt jaħfer! Huwa aħna li negħjew nitolbu l-maħfra."

Qatt ħsibt fl-imħabba kbira li Ġesù għandu għalik u li qatt ma jegħja jaħfirlek kull darba li tonqsu? Qatt taqta' qalbek mill-ħniena ta' Ġesù.


Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**




Grazzi.

**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

SAY IT!
www.sayitmalta.com
32, Tarxien rd Paola
YOUTHEME

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web




**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



**AĦBAR TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre

YOUTHEME FOUNDATION